TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 227/13/GB

**Sarah Ferrante**

**vs**

**Cutajar Ltd.**

Illum 4 ta' Dicembru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-9 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mija u hmistax-il Ewro (€115.00), rapprezentanti l-prezz li hallset lis-socjeta' ntimata ghal camera, liema camera kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

F'Novembru 2011, hija xtrat camera ('Casio Exilim') minghand is-socjeta' ntimata ghas-somma ta' mija u hmistax-il Ewro (€115.00), b'sentejn garanzija.

Erbgha xhur wara, u cioe' fis-26 ta' Marzu 2012, din il-camera kellha l-hsara fiz-zoom u din il-hsara ġiet irranġata. Wara tliet ġimghat, il-camera regghat bil-hsara, fejn is-socjeta' ntimata biddlet il-mekkanizmu taz-zoom.

Erbgha xhur wara, u cioe' fit-8 ta' Awissu 2012, il-camera regghat bil-hsara, pero' din id-darba fil-lenti, fejn xi ġimghat wara ġiet irranġata.

Fl-10 ta' Lulju 2013, il-buttuna tal-play back kellha l-hsara, fejn ir-rikorrenti hadet il-camera ghand is-socjeta' ntimata u ġiet irranġata.

Fis-27 ta' Settembru 2013, il-camera regghat bil-hsara fiz-zoom, fejn is-switch taz-zoom ġiet irranagata.

Is-socjeta' ntimata kienet informat lir-rikorrenti illi l-camera seta' kellha xi daqqa, fejn hija rrispondiet illi dan ma kienx il-kaz kemm ilha ghandha. Illi minhabba dan il-waqfien kollu u hela ta' hin, ir-rikorrenti qed titlob li tinghata camera ġdida jew li tinghata lura l-flus li hallset.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti ġabet il-camera taghha fis-26 ta' Marzu 2012, bl-ilment li z-zoom ma kienx qieghed jahdem. Is-socjeta' ntimata ppruvata u sabet li kienet qed tahdem sew u ghalhekk ma sewwiet xejn u nformat lir-rikorrenti illi ma kenitx ghamlet xoghol ta' tiswija fuqha. Tliet ġimghat wara, ir-rikorrenti ġiet bl-istess ilment u ghaldaqstant, billi d-difett setgha ma kienx kostanti, is-socjeta' ntimata qabdet u biddlet il-mekkanizmu taz-zoom.

Erbgha xhur wara, u cioe' fit-8 ta' Awissu 2012, ir-rikorrenti regghat ġiet, iżda din id-darba il-lenti kellha problema ghaliex ma kenitx qieghda tidhol lura. Dan id-difett tista' tghid dejjem huwa kkawżat minn waqgha waqt li l-lenti tkun miftuha, iżda s-socjeta' ntimata ghaddiet l-ilment taht garanzija u biddlet il-lenti bil-mekkanizmu b'kollox allavolja mhux is-soltu li dan id-difett jidhol taht garanzija, ghaliex hemm kaguni ta' uzu hazin. Fl-10 ta' Lulju 2013, u cioe' hdax-il xahar wara l-ahhar tiswija ta' qabel, ir-rikorrenti ġabet il-camera bi problema li l-playback button ma tahdimx xi kultant, difett li tista' tghid huwa wear and tear. Is-socjeta' ntimata biddlet l-iswitch.

Fis-27 ta' Settembru 2013, ir-rikorrenti ġabet il-camera bl-iswitch taz-zoom iebes, li r-raguni kienet li kellu ftit hmieg taht is-switch.

Kif wiehed jista' jara, fl-ewwel kaz ma saret ebda tiswija ghaliex il-camera instabet tajba, darba ohra il-hsara probabbilment saret kaġun ta' nuqqas ta' attenzjoni mir-rikorrenti. U l-hsara li grat din is-sena, id-darbtejn kienu minuri, tista' tghid ta' maintenance iktar milli hsara.

Ghaldaqstant, is-socjeta' ntimata m'hijiex qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti li tinghata l-flus lura jew li l-camera tinbidel.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn hija kkonfermat li r-rikorrenti kienet xtrat il-camera ghall-prezz ta' mija u hmistax-il Ewro (€115.00).

Is-socjeta' ntimata ezebiet sett ta'dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.CL1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ma jistax ma jikkummentax dwar il-fatt illi hsara per se jew biss manutenzjoni, il-camera in kwistjoni ilha taghti problemi lir-rikorrenti mill-bidunett, u t-Tribunal xejn ma apprezza l-kumment da parte tas-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, illi *"wara sentejn jaqbillek tbiddel illum il-gurnata"*. It-Tribunal filwaqt li jinnota illi s-socjeta' ntimata fil-fatt tat servizz tajjeb lir-rikorrenti konsumatur, jinnota wkoll illi dan ma jeskludix il-fatt illi, hekk kif jidher car mill-provi, tali camera harget difettuża. Ma jistax ikun illi camera tittiehed ghat-tiswija jew manutenzjoni ghal darba, darbtejn, tlieta u xorta tibqa' bil-problemi, u dana apparti l-inkonvenjenza li tikkawża lill-konsumatur. Illi ghalhekk, u ghal dawn ir-ragunijet, it-Tribunal qed jilqa'·t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata żżomm fil-pussess taghha il-camera in kwistjoni u thallas l-ammont ta' mija u hmistax-il Ewro (€115.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**